**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 34/2017

**Il-Pulizija**

**(Spettur Colin Sheldon)**

**Vs**

**Mark Camilleri**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2020

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Mark Camilleri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 235770M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Bħala l-persuna reġistrata mal-Kummissarju tat-Taxxi, skont l-Att XIII tal-1998 u regolamenti magħmula bis-saħħa tal-istess Att, waqt spezzjoni ta' sorpriża li seħħet fis-7 ta' Frar, 2016 waqt il-festi tal-karnival ġewwa l-Belt Valletta, rriżulta li jew hu jew impjegati tiegħu jew xi persuna oħra li kienet qed taġixxi għan-

nom tiegħu, naqas li jagħti jew jipproduċi rċevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali jew kotba ta' riċevuti fiskali manwali kif approvati mill-Kummissarju, li jikkonformaw mal-ħtiġijiet speċifikati fil-partita 13 tat-Tlettax – il skeda li tinsab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, skond il-kumpens lilu mħallas, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tal-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 81 u 82 tal-Att Nurmu XXIII tal-1998;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-18 ta' Jannar, 2017 li biha sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu ghal hlas ta' multa ta' disa' mitt Ewro (€900);

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Mark Camilleri ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-30 ta' Jannar, 2017 li bih talab lil din il-Qorti **tirrevoka** s-sentenza appellata fl-intier tagħha u tilliberah mill-akkuża kollha miġjuba kontra tiegħu;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lix-xhieda;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata bl-aggravju tal-insufficjenza ta' provi u b'dak tal-konflitt fil-provi.

2. Illi kif inhu palezament akkolt fil-gurisprudenza, din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati fid-decizzjoni taghha kemm-il darba din setgħet tasal għall-konklużjoni tagħha legalment u raġjonevolment. Per ezemplari, fil-kawza Il-Pulizija (Spettur Ramon Mercieca) vs Ruth Catania fid-9 t'April, 2014 (Appell Numru 339/2012) intqal: *'Dan jirrigwarda in principju l-appelli kollha li jigu maghmula u ittrattati quddiem din il-Qorti. Iżda hemm eċċezzjoni għal dan il-prinċipju meta l-appell hu minn kawżi sommarji jew distrettwali. Dan hu għaliex f'dawn il-kawżi x- xhieda ma hijiex traskritta. Għalhekk, din il-Qorti jkollha tisma' mill-ġdid il-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti. F'dawn il-każijiet jista' jagħti l-każ li xhud quddiem l-ewwel Qorti ma jgħidx eżatt l-istess quddiem din il-Qorti u dik l-inezattezza tista' tbiddel l-andament kollu tal-appell. Dan għaliex ma hemmx metodu kif tikkontrolla x-xhieda fid-diversi stadji tal-iter proċesswali. Illi dan hu każ minnhom fejn realment ma tistax isejjaħlu appell fis-sens komplet tal- kunċett. Għalhekk, l-apprezzament tal-provi prodotti quddiem din il-Qorti hu wieħed pjuttost soggettiv minħabba l-fatt li ma hemm ebda traskrizzjoni tax-xhieda fil-prima istanza.';*

3. Illi dwar dan il-punt, anke jekk b'mod *obiter* tajjeb li jkun osservat illi din hija kwistjoni li tokkorri b'mod kontinwu quddiem din il-qorti ghar-raguni semplici illi d-deposizzjonijiet quddiem il-Qrati tal-Magistrati f'kawzi hekk imsejha sommarji ma jkunux registrati. Appena dik il-kawza ssib ruhha f'dawn l-awli fi stadju ta' appell, dik ix-xhieda mhux biss terga' tinstema' mill-gdid minn din il-Qorti izda tkun registrata u sahansitra traskritta in atti. Fil-fehma umili ta' din il-Qorti, il-problema tista' tkun rizolta billi s-seduti quddiem il-Qrati tal-Magistrati jkunu lkoll registrati u ssir traskrizzjoni **biss** meta mehtiega, inkluz allura, f'kazijiet fejn il-process jghaddi ghall-istadju tal-appell u b'hekk ikun ffrankat hin prezjuz ghall-

kulhadd u l-istadju revizorju iservi tabilhaqq bhala wiehed ta' revizjoni u mhux ta' smiegh mill-gdid tal-provi;

4. Ventilat dan, jokkorri issa ezami tal-provi kompriz tax-xhieda li din il-Qorti kellha tisma' mill-gdid;

5. Is-sur **Paul Scicluna** in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi kien preżenta l-letter to prosecute quddiem l-Ewwel Qorti u għalhekk ikkonferma bil-ġurament din l-ittra a fol 12 u l-formola ta' reġistrazzjoni a fol 13 tal-process li turi lill-appellant bhala l-persuna registrata ghall-fini tal-VAT;

6. L-ispettur tal-VAT **Rudolph Fenech** xehed illi fis-7 ta' Frar, 2016 kien il-karnival u hu u l-kollega tiegħu Lourdes Briffa kienu qed jagħmlu xi spezzjonijiet il-Belt. Huma marru fuq stall fejn raw bejgħ u ma nħarġux ir-ricevuti, kelmu lill-min kien xtara u akkumpanjawhom lura sabiex jingħataw ricevuta. Talbu d-dettalji tal-persuna li kienet ghamlet il-bejgh iżda l-appellant qalilhom li hu kien il-persuna responsabbli, għax hi kienet biss qed tgħinu. Ir-riċevuti li nħarġu fuq talba tal-Ispetturi kienu inħarġu bir-rati ħżiena wkoll għax ħarġu bir-rati eżenti u mhux bir-rati fiskali. Dakinhar kien hemm ħafna nies imma huma kienu qed josservaw minn '*distanza ravviċinata'* (fol 43) xi żewġ metri kollox. Wara ordni taghhom, kienu inħarġu tlett (3) irċevuti differenti, għal tlett affarijiet differenti li kumplessivament kellhom total ta' €5.60 ghal cupcakes u confectionary items. Peress li kien hemm xi disgwid dwar ir-rata ta' VAT li kellha tintuza, kellhom jikkonfermaw u l-ghada sar kuntatt mal-appellant mill-kollega tiegħu;

7. **Lourdes Briffa,** l-ispettur tal-VAT ukoll involuta f'dan il-kaz, ikkonfermat illi kienet osservat tlett istanzi ta' bejgh f'din

il-gabbana minghajr ma inhargu r-ricevuti. Hi u l-kollega taghha raw in-nies jixtru, rawhom jgħaddu l-flus u jħallsu kollox izda ricevuti ma inghatawx.' Just ha l-flus, tawhom il-bqija and that's it'. (fol 49). Ta' wara l-bank '*Just ħadet il-flus u ma tatx receipt tat-tlieta li huma'*. (fol 50). Ir-ricevuti inhargu bir-rata ezenti meta kellhom jinhargu bir-rata ta' 18%;

8. L-appellant **Mark Camlleri** ghazel illi jixhed u qal li huwa ma rax it-transazzjoni ssir għax għalkemm kien hemm huwa kien qed jaqdi n-nies bil-kaffe' u kien hemm dislivell fil-gabbana. Il-helper li kellu miegħu infurmatu li kien hemm tal-VAT u qalilhom li kien hu r-responsabbli u biex ikellmu lilu. Hu ma kellux idea li ma ħarġitx riċevuti u ħaseb li l-kwistjoni kienet dwar il-fatt li dawn inhargu bir-rata bir-rata ħażina. Dik kienet l-ewwel darba li qagħad jarma bill-gabbana. Huwa jiċħad li kien jaf li ma kienx qed joħorġu l-irċevuti tant li meta irċieva l-akkuża ħaseb li kienu għamlu żball u l-ewwel darba li semagħha kienet il-Qorti. F'konfront li sar bejn ix-xhud Lourdes Briffa u l-imputat, l-istess Briffa tghid li hija kienet urietu t-tliet (3) riċevuti li ħarġu u li di fatti ħarġu fuq l-insistenza tagħhom. Rigward ir-rata ħażina, hija kienet ċemplitlu għax dak il-ħin beda jdaħħalha fid-dubju u għalhekk riedet tikkonferma li kienet qed tgħidlu tajjeb;

Ikkunsidrat:

9. Illi **fl-ewwel gravam** l-appellant isostni n-nuqqas ta' sufficjenza ta' provi dwar l-allegazzjoni li ma pproduċiex ricevuti u dan għaliex kien il-karnival u kien hemm ħafna nies u r-riċevuti (esebiti in atti) huma tlett biċċiet karti li jista' jagħmilhom kulħadd u għalhekk jista' jkun li ma kienux tiegħu. Inoltre, l-Prosekuzzjoni naqset li tipproduċi bħala prova n-nies li xtraw mingħand l-appellant u li għaddew il-flus bejn l-

assistenta tiegħu u dawn in-nies u l-allegat ammont tat-transazzjoni kien baxx hafna;

10. Din il-Qorti semgħet l-ispetturi tal-VAT jixhdu u jirriżulta li għalkemm kien hemm ħafna nies huma raw it-tlett transazzjonijiet isiru mingħajr ma tinħareġ irċevuta. Huma kienu qegħdin wara n-nies biex qishom ser jinqdew huma u setgħu jaraw kollox. Fix-xhieda tagħha l-ispettur tal-VAT Lourdes Briffa tikkonferma diversi drabi li hija rat it-transazzjoniijiet fl-intier taghhom. *'Just ha l-flus, tawhom il-bqija and that's it'*. (fol 49). Ta' wara l-bank *'Just ħadet il-flus u ma tatx receipt tat-tlieta li huma'*. (fol 50). Kienet fuq l-insistenza tagħhom li ħarġet ir-ricevuti l-assistenta tas-sur Camilleri;

11. Ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni kienu ċari u inekwivoki f'dak li qalu u din il-Qorti ma tirriskontra xejn f'din il-procedura li ghandu jinduciha biex ma temminx l-istess. Issa l-appellant jghid illi l-provi tal-prosekuzzjoni jikkonsistu fid-deposizzjoni taz-zewg spetturi u tlett bicciet karti li fuqhom hemm miktub bl-idejn il-kliem "cupcakes 2.51". Huwa minnu illi in atti hemm esebiti tlett bicciet karti li tista ssejhilhom ricevuti in bjank. Dan hu dovut ghat-tip ta' karta li tintuza fil-cashregisters li wara ftit it-tipa tisfuma u tisparixxi minn fuqhom. Fuq dawn il-karti hemm kitba bl-idejn. Il-kwistjoni kollha pero' hi, mhux l-informazzjoni li kien hemm miktuba fuq dawn ir-ricevuti izda l-fatt li dawn, kienu x'kienu, inhargu fuq insistenza tal-Ispetturi dwar bejgh li ghalih ma nhargu ebda ricevuti. Il-kontenut ghalhekk huwa irrelevanti u dak li hu rilevanti huwa l-azzjoni, ossia, l-inazzjoni tal-assistenta li tohrog ir-ricevuti kif obligata skond il-ligi;

12. Fit-tieni aggravju, l-appellant qed isostni li hemm kunflitt ta' provi tant li kellu jkun hemm konfront bejnu u l-ispetturi

tal-Vat u l-appellant fuq il-fatt li huwa ma kienx infurmat dwar in-nuqqas tal-irċevuti iżda li huwa mingħalih minħabba ir-rati ħżiena li ntużaw fl-irċevuti;

13. L-appellant jinsisti illi l-Ispetturi tal-VAT ma kellmuhx dwar in-nuqqas ta' hrug tar-ricevuti izda dwar li dawn inhargu bir-rata il-hazina u kien sorpriz meta rcieva l-imputazzjoni ghaliex hu kien cert li l-kwistjoni kienet dwar ir-rata applikata u xejn aktar. Issa, kif ripetutament ritenut minn din il-Qorti, "*… mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għall-liberazzjoni tal-persuna akkużata . Imma l-Qorti, f' każ ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enunċjati fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali w tasal għall-konklużjoni dwar lil min trid temmen u f' hiex ser temmnu jew ma temmnux.* (Ara Qorti tal-Appell Kriminali: Pulizija vs Joseph Thorne deċiża fid-9 ta' Lulju, 2003 Appell Numru 59/2003). Iż-żewġ xhieda tal-Prosekuzzjoni spjegaw sew kif raw il-bejgh tal-cupcakes isir, bit-transazzjoni kompluta u x-xerrejja jallontaw minghajr ma nhargu rċevuti u li l-irċevuti inhargu fuq insistenza tagħhom. Il-punt jibqa' dejjem li qatt ma nhargu ricevuti u mhux li kienu inhargu izda bir-rata zbaljata u dwar dan, ma tara ebda raguni ghaliex m'ghandhiex temmen lix-xhieda tal-prosekuzzjoni. Għalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;.

14. Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qed tiċħad l-appell u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fit-18 ta' Jannar, 2017 fl-ismijiet Pulizija vs Mark Camilleri fl-intier tagħha.